partikolari l-ammont prinċipali u l-interessi, il-penalitajiet kuntrattwali u l-ispejjeż, ir-rata ta' interessi u l-perijodu li fir-rigward tiegħu dawn l-interessi huma mitluba (ħlief jekk interessi legali huma awtomatikament miżjuda mal-ammont prinċipali bis-saħħa tad-dritt tal-Istat Membru ta' oriġini), il-kawża tal-azzjoni, inkluża deskrizzjoni taċ-ċirkustanzi invokati bħala bażi tad-dejn u tal-intressi mitluba, u meta r-rikorrent jippreċiża jekk din hijiex rata ta' interessi legali jew kuntrattwali, kapitalizzazzjoni tal-interessi, rata ta' interessi tas-self, jekk din ġietx ikkalkolata mir-rikorrent, jew jekk din hijiex perċentwali 'il fuq mir-rata bażika tal-Bank Ċentrali Ewropew, kif previst fir-Regolament (KE) Nru 1896/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li joħloq proċedura għal ordni ta' ħlas Ewropea?

(4) Fin-nuqqas ta' traspożizzjoni, l-Artikoli 5(l) u (m), 6 u 10(l) tad-Direttiva 2008/48/KE — meta jsemmu l-"arranġamenti għall-aġġustament" — jobbligaw lill-istituzzjoni finanzjarja tindika b'mod speċifiku u separat fil-kuntratt (u mhux fil-korp tat-text, b'mod indistint), b'mod ċar u viżibbli, bħala "informazzjoni prekuntrattwali", ir-referimenti għar-rata ta' interessi moratorji f'każ ta' nuqqas ta' ħlas kif ukoll l-elementi meqjusa għall-iffissar tagħha (spejjeż finanzjarji, ta' rkupru …) u tinkludi twissija dwar il-konsegwenzi relatati mal-elementi ta' spiża?

(5) L-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2008/48/KE jinkludi l-obbligu ta' notifika tat-tmiem antiċipat tal-kreditu jew tas-self, li jippermetti l-applikazzjoni tal-interessi moratorji? Il-prinċipju ta' projbizzjoni tal-arrikiment indebitu, stabbilt fl-Artikolu 7 tad-Direttive 2008/48/KE, huwa applikabbli meta l-istituzzjoni ta' kreditu jkollha l-intenzjoni mhux biss tieħu lura l-beni (il-kapital tas-self), iżda wkoll tapplika interessi moratorji partikolarment għoljin?

(6) Fin-nuqqas ta' regola ta' traspożizzjoni u fid-dawl tal-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2005/29/KE, il-qorti tista' teżamina *ex officio* n-natura żleali tal-prattika li tikkonsisti fl-inklużjoni fit-test ta' kuntratt ta' klawżola ta' interessi moratorji?

(1) tal-Kunsill 93/13 KEE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288).
(2) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat- 23 ta' April 2009, dwar inġunzjonijiet għall-protezzjoni tal-interessi tal-konsumaturi (ĠU L 110, p. 30).

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Verwaltungsgericht Mainz (il-Ġermanja) fit-3 ta' Jannar 2011 — Interseroh Scrap and Metal Trading GmbH vs Sonderabfall-Management-Gesellschaft Rheinland-Pfalz mbH (SAM)

**(Kawża C-1/11)**

(2011/C 95/04)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Qorti tar-rinviju

Verwaltungsgericht Mainz

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* Interseroh Scrap and Metal Trading GmbH

*Konvenuta:* Sonderabfall-Management-Gesellschaft Rheinland-Pfalz mbH (SAM)

### Domandi preliminari

(1) L-Artikolu 18(4) tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-14 ta' Ġunju 2006, dwar vjeġġi ta' skart [ġarr ta' skart] [1] japplika wkoll għall-persuni li jipparteċipaw fl-operazzjoni ta' ġarr?

(2) Fil-każ ta' risposta negattiva: id-dritt Komunitarju primarju jillimita l-portata tal-Artikolu 18(1) tal-imsemmi regolament għall-finijiet tal-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali?

(3) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda: l-Artikolu 18(4) tal-imsemmi regolament jillimita, għall-finijiet tal-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali, l-obbligu li għandhom taħt l-Artikolu 18(1) persuni li jorganizzaw il-ġarr li jikkomunikaw ukoll lid-destinatarju tal-iskart l-identità tal-produttur jew tal-kollettur tal-iskart permezz tad-dokument inkluż fl-Anness VII?

(4) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għat-tielet domanda: il-portata tal-limitazzjoni tiddependi fuq l-ibbilanċjar tal-interessi skont il-każ partikolari (l-interessi kummerċjali inkwistjoni, minn naħa, u l-protezzjoni tal-ambjent, min-naħa l-oħra)?

(1) ĠU 2006 L 190, p. 1

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Hessischer Verwaltungsgerichtshof (il-Ġermanja) fil-5 ta' Jannar 2011 — Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja vs Kaveh Puid

**(Kawża C-4/11)**

(2011/C 95/05)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Qorti tar-rinviju

Hessischer Verwaltungsgerichtshof (il-Ġermanja).

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Appellanti:* Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja (Uffiċċju Federali tal-immigrazzjoni u tar-refuġjati).

*Appellat:* Kaveh Puid.

**Domandi preliminari**

(1) L-ewwel sentenza tal-Artikolu 3(2) tar-Regolament Dublin II ([1]), li jippermetti, b'deroga mill-Artikolu 3(1), li jindika l-Istat Membru responsabbli għat-trattament tal-applikazzjoni għall-ażil (iktar 'il quddiem l-"Istat Membru responsabbli"), li Stat Membru ieħor jeżamina applikazzjoni għall-ażil ippreżentata lilu ('l hekk imsejjaħ "intervent awtonomu"), għandha tiġi interpretata fis-sens li minnha wieħed jista' jiddeduċi wkoll obbligu għal dan l-Istat Membru l-ieħor li juża d-dritt mogħti minn din id-dispożizzjoni għal benefiċċju tal-applikant għall-ażil ikkonċernat anki għal raġunijiet li ma humiex speċifiċi għall-applikant għall-ażil u li ma jirriżultawx minn aspetti speċifiċi oħra tal-każ ineżami iżda li jirriżultaw mis-sitwazzjoni li teżisti fl-Istat Membru responsabbli, li tipperikola d-drittijiet fundamentali tal-applikant għall-ażil ipprovduti fil-Karta tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta")?

(2) Jekk ir-risposta għall-ewwel domanda tkun fl-affermattiv:

Is-sitwazzjoni li teżisti fl-Istat Membru responsabbli tagħti, fir-rigward tad-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Artikoli 3(1), 4, 18, 19(2) u 47 tal-Karta, raġunijiet suffiċjenti li jobbligaw lill-Istat Membru l-ieħor jintervjeni awtonomament fir-rigward ta' applikazzjoni għall-ażil biss minħabba l-fatt li l-Istat Membru responsabbli ma ssodisfax fuq skala wiesgħa u għal perijodu kunsiderevoli wieħed jew, simultanjament, diversi obbligi stabbiliti bid-Direttiva tal-Kunsill 2003/9/KE, tas-27 ta' Jannar 2003, li tistabbilixxi standards minimi għall-akkoljenza ta' dawk li jfittxu ażil (Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 101), u bid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2005/85/KE, tal-1 ta' Diċembru 2005, dwar standards minimi għal proċeduri fl-Istati Membri għall-għoti u l-irtirar tal-istatus ta' rifuġjat (ĠU L 175M, p. 168)?

(3) Jekk ir-risposta għat-tieni domanda tkun fin-negattiv:

L-Istat Membru l-ieħor għandu l-obbligu li jeżerċità d-dritt mogħti bl-ewwel sentenza tal-Artikolu 3(2) tar-Regolament Dublin II fid-dawl tal-garanziji tal-Karta ċċitati iktar 'il fuq, minn tal-inqas meta fl-Istat Membru responsabbli jkun hemm nuqqasijiet partikolarment gravi li jimminaw b'mod fundamentali l-garanziji proċedurali tal-applikanti għall-ażil jew jheddu l-eżistenza jew l-integralità fiżika tal-applikanti għall-ażil ittrasferiti?

(4) Jekk ir-risposta għat-tieni jew għat-tielet domanda tkun fl-affermattiv:

L-obbligu li l-Istat Membru l-ieħor għandu li jeżerċità d-dritt mogħti mill-ewwel sentenza tal-Artikolu 3(2) tar-Regolament Dublin II jagħti lill-applikant għall-ażil dritt suġġettiv għall-eżerċizzju tad-dritt ta' intervent awtonomu li jista' jiġi invokat fil-qrati fil-konfront ta' dan l-Istat Membru l-ieħor?

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003, tat-18 ta' Frar 2003, li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Stat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-ażil iddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 109).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour d'appel de Bruxelles (il-Belġju) fis-7 ta' Jannar 2011 — Waypoint Aviation SA vs L-Istat tal-Belġju — SFP Finances**

**(Kawża C-9/11)**

(2011/C 95/06)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Qorti tar-rinviju**

Cour d'appel de Bruxelles

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Waypoint Aviation SA

*Konvenuti:* L-Istat tal-Belġju — SFP Finances

**Domandi preliminari**

(1) L-Artikolu 49 tat-Trattat KE jipprekludi l-applikazzjoni ta' dispożizzjoni nazzjonali bħall-Artikolu 29(2)(d) tal-liġi tal-11 ta' April 1983, sa fejn:

minn naħa, din id-dispożizzjoni tippermetti l-għoti ta' kreditu ta' taxxa, il-*précompte mobilier* fittizju, lill-benefiċjarji ta' dħul minn kreditu jew ta' self mogħti lil ċentru ta' koordinazzjoni skont id-Digriet Irjali Nru 187 tat-30 ta' Diċembru 1982, dwar il-ħolqien taċ-ċentri ta' koordinazzjoni, meta l-kumpannija li tagħmel użu mill-fondi mislufa minn jew permezz taċ-ċentru ta' koordinazzjoni sabiex takkwista proprjetà materjali li hija tuża fil-Belġju għall-eżerċizzju tal-attività professjonali tagħha, tagħti d-dritt ta' użu lil kumpannija li tagħmel parti mill-istess grupp ta' kumpanniji u li tirrisjedi fil-Belġju, filwaqt li, min-naħa l-oħra, din id-dispożizzjoni ma tippermettix li jingħata kreditu ta' taxxa meta l-istess kumpannija tagħti d-dritt ta' użu fuq l-istess proprjetà materjali lil kumpannija li bl-istess mod tagħmel parti mill-istess grupp ta' kumpanniji iżda li tirrisjedi fi Stat Membru ieħor li ma huwiex il-Belġju?

(2) L-Artikolu 10 tat-Trattat KE, moqri flimkien mal-Artikolu 49 tat-Trattat KE, għandu jiġi interpretat bħala li jipprekludi interpretazzjoni ta' dispożizzjoni bħall-Artikolu 29(2)(d) tal-liġi tal-11 ta' April 1983, li tissottometti l-għoti ta' kreditu ta' taxxa, il-*précompte mobilier* fittizju, lill-benefiċjarji ta' dħul minn kreditu jew ta' self mogħti lil ċentru ta' koordinazzjoni skont id-Digriet Irjali Nru 187 tat-30 ta' Diċembru 1982, dwar il-ħolqien taċ-ċentri ta' koordinazzjoni, bil-kundizzjoni li l-ebda dritt ta' użu fuq il-proprjetà materjali ffinanzjata permezz tal-kreditu jew self tagħha ma jingħata lil xi